**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

**MAGISTRAT**
**DR. CAROLINE FARRUGIA FRENDO**
***B.A. (Legal and Humanistic Studies), LL.D.,***
***M.Juris (International Law), Dip. Trib. Eccl. Melit.***

**Rikors numru: 425/2017 CFF**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Rennie Stivala)**
**(Spettur Priscilla Caruana Lee)**
**vs**
**Mauro Busuttil**

**Illum 4 ta' Dicembru, 2018**

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mauro Busuttil, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 333090M.

Akkuzat talli f'dawn il-gzejjer, f'Awwissu, 2017 u fil-jiem li jigu mmedjatament qabel, b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju, u cioe' hlas ta' servizzi u kiri ta' stands fil-Malta Fairs and Conventions Centre ghad-dannu ta' MFCC u Corinthia Group fost l-ohrajn;

2. U aktar talli, bejn Novembru 2015 u Marzu 2017, fl-istess lok u cirkostanzi, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghal persuna ohra, minn haga ta' haddiehor li kienet giet fdata jew ikkunsinjata lilu taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, u li kienet giet fdata lilu minhabba professjoni, industrija, kummerc, amministrazzjoni, kariga jew servizz, jew minhabba depositu necessarju u cioe' hlas ta' klijenti ghad-dannu ta' Demajo Group fost l-ohrajn;

3. U aktar talli rrenda ruhu recidiv ai termini tal-artikoli 49 u 50 ta' Kap 9 b'diversi sentenzi moghtija lilu mill-Qorti tal-Magistrati Malta, sentenzi li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti hija wkoll gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghal hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-Ufficjal Prosekutur qara u kkonferma bil-gurament l-akkuzi fil-konfront ta' l-imputat fis-seduta datata 22 ta' Novembru, 2018.

Rat l-atti tal-kawza u d-dokumenti ezebiti u cioe', dikjarazzjoni ta' rifjut tal-jedd tal-parir legali, stqarrija datata 2 ta' Settembru, 2017, estratt mill-att tac-certifikat tat-twelid tal-imputat, fedina penali tal-imputat, dikjarazzjoni ta' Anita Mifsud u Brian Zahra datata 2 ta' Settembru, 2017 immarkata bhala Dok RS1, ittra minghand Dr. Pierre Lofaro ghal kumpanija Demajo Group immarkata bhala Dok RS2, sentenza datata 16 ta' Gunju, 2016 immarkata bhala Dok RS3, sentenza tas-16 ta' Gunju, 2016 immarkata bhala Dok RS4, sentenza mmarkata bhala Dok RS5.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat ghall-imputazzjonijiet kollha dedotti kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk irid, jista' jerga' lura minnha u fil-fatt huwa rega' tenna l-istess ammissjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:-**

Il-Qorti ikkunsidrat li fis-seduta tas-27 ta' Settembru, 2018, Dr. Jeffrey Mifsud Farrugia ghal MFCC u Corinthia Group iddikjara li l-klijenti tieghu thallsu ta' kollox u ma ghadx baqghalhom l-ebda pendenza kemm civili u kemm kriminali.

Il-Qorti ikkunsidrat li fis-seduta tat-8 ta' Novembru, 2018, Dr. Mark Simiana ghal Demajo Group iddikjara li l-klijenti tieghu thallsu ta' kollox u u ma ghadx baqghalhom l-ebda pendenza kemm civili u kemm kriminali.

Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni ukoll l-ammissjoni bikrija tal-imputat.

**Decide:-**

**Ghaldaqstant, il-Qorti wara li rat l-Artikoli indikati u cioè, Artikoli 18, 49, 50, 293, 294 u 310 1(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qeghda ssib lil Mauro Busuttil hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih fuq ammissjoni tieghu stess; u wara li rat l-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Probation ghal perjodu ta' tlett snin (3) mil-lum.**

**Ai termini ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta il-Qorti fissret lill-hati bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' probation kif ukoll tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digriet anness ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqos milli jikkonforma ruhu ma' dawk l-ordnijiet u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmel reat iehor tul it-termini tal-ordni ta' probation, jista' jinghata sentenza ghar-reat li tieghu instab hati b'din is-sentenza, nonche l-konsegwenzi li jistghu jigu sofferti f'kaz ta' nuqqas t'adezjoni mat-termini ta' l-ordni tat-trattament hawn fuq imsemmi u li ser jigi sottopost ghalih il-hati.**

**Ai termini tal-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u tal-ordni ta' probation moghti bid-Digriet ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole sabiex jassenja ufficjal tal-probation biex ikun responsabbli ghas-sorveljanza tal-hati.**

**L-Ufficcjal tal-Probation assenjat ghandu jirraport bil-miktub lill-Qorti kompetenti bil-progress tal-hati kull erba' (4) xhur.**

**Dr. Caroline Farrugia Frendo LL.D.**
**Magistrat**

**Nadia Ciappara**
**Deputat Registratur**